# KAPITOLU 174

## ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA U L-VERIFIKA

*Biex jirregola d-dħul, kontroll u ħlas ta' flejjes pubbliċi, biex jipproduċi għall-verifika ta' kontijiet dwar hekk u biex jipprovdi għal ħwejjeġ oħra konnessi ma' jew inċidentali għall-iskopijiet fuq imsemmija.*

29 ta' Mejju, 1962

*L-ATT I ta' l-1962, kif emendat bl-Att VI ta' l-1962; bl-Avviż Legali 47 ta' l-1962; bl-Att XII ta' l-1965; bl-Avviżi Legali 17 u 46 ta' l-1965; bl-Atti: XXIV ta' l-1967, XXXI ta' l-1968, XXXII ta' l-1969; bl-Avviżi Legali 48 ta' l-1970, 24 u 93 ta' l-1971, 48 ta' l-1973, 50 ta' l-1974, bl-Att LVIII ta' l-1974; bl-Avviżi Legali: 56 ta' l-1975, 63 ta' l-1976; bl-Atti: XXII u XXXIX ta' l-1976, bl-Avviżi Legali 48 ta' l-1977, 4 u 42 ta' l-1978, 33 ta' l-1979; bl-Atti: III u XXIX ta' l-1979; bl-Avviżi Legali: 26 ta' l-1980, 4 ta' l-1981, 3 ta' l-1982; bl-Atti XIII ta' l-1983, XVI ta' l-1997, I ta' l-2004 u XIII ta' l-2005; u bl-Avviż Legali 410 ta' l-2007.*

TAQSIM TA' L-ATT


| | | Artikoli |
|---|---|---|
| Taqsima I. | Preliminari | 1-2 |
| Taqsima II. | Disposizzjonijiet Ġenerali | 3-4 |
| Taqsima III. | *Imħassra bl-Att XVI.1997.7.* | 5-11 |
| Taqsima IV. | Uffiċjali ta' Kontijiet | 12-13 |
| Taqsima V. | Arranġamenti Bankarji u Ġbir ta' Flejjes | 14-21 |
| Taqsima VI. | Approprjazzjoni ta' Flejjes Pubbliċi | 22-25 |
| Taqsima VII. | Ħlas ta' Flejjes | 26-38 |
| Taqsima VIII. | Impieg ta' Flejjes | 39-46 |
| Taqsima IX. | Flejjes barra minn Malta | 47 |
| Taqsima X. | Verifika u Spezzjon | 48-61 |
| Taqsima XI. | Kontijiet u Prospetti | 62-70 |
| Taqsima XII. | Mixxellanji | 71-73 |

SKEDA

TAQSIMA I

PRELIMINARI

Titolu fil-qosor.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika.

Tifsir.
*Emendat:*
*A.L. 46 ta' l-1965;*
*III. 1979.2.*
*I. 2004.2.*
Kap. 461.

**2.** F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tfissirx xort'oħra -

"awditjar intern" għandu jkollha l-istess tifsira bħalma hu mogħti lilha bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar Awditjar Intern u Investigazzjonijiet Finanzjarji;

"bank" tfisser kull bank li minn żmien għal żmien ikun inkarigat bit-tiżmim ta' flejjes pubbliċi tal-Gvern ta' Malta;

"dħul" tfisser it-taxxi, imposti, rati u dazji kollha u l-flejjes oħra kollha miġbura jew irċevuti f'isem jew akkont tal-Fond Konsolidat;

"estimi" tfisser l-estimi, preżentati quddiem il-Kamra tad-Deputati dwar xi sena finanzjarja, tan-nefqa għas-servizz ta' dik is-sena finanzjarja u tinkludi kull estimi supplimentarji ta' nefqa li għaliha jkun meħtieġ li jiġi provdut wara li l-estimi jkunu ġew preżentati quddiem il-Kamra tad-Deputati;

"flejjes pubbliċi" tfisser kull dħul, self, *trust* u flejjes oħra kollha mdaħħlin jew amministrati jew miżmuma minn, f'isem jew akkont tal-Gvern ta' Malta, inklużi flejjes li l-Gvern iħallas jew jiżborża minn fondi riċevuti minn xi organizzazzjoni jew korp internazzjonali jew sovranazzjonali jew minn xi istituzzjoni jew korp tagħhom;

"irregolarità" tfisser xi att jew ommissjoni minn persuna bi ksur ta' ftehim kontrattwali mal-Gvern jew bi ksur ta' xi disposizzjoni rilevanti tal-liġi jew ta' xi att li għandu l-forza vinkolanti tiegħu ġejja min xi trattat jew ftehim internazzjonali li Malta tkun għamlet;

"Fond Konsolidat" tfisser il-Fond Konsolidat imwaqqaf bl-artikolu 102 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"Kostituzzjoni" tfisser il-Kostituzzjoni ta' Malta;

"Malta" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi;

"sena finanzjarja" għandha l-istess tifsira li għandha għall-finijiet tal-Kostituzzjoni;

"uffiċjal tal-kontijiet" tfisser persuna li tkun tokkupa jew taġixxi fil-kariga ta' kap permanenti ta' dipartiment tal-Gvern u tinkludi kull persuna li jkollha d-dmir li tiġbor, tirċievi jew tagħti kont ta', jew li fil-fatt tiġbor, tirċievi jew tagħti kont ta', xi flejjes pubbliċi, jew li jkollha d-dmir li tħallas, jew li fil-fatt tħallas, xi flejjes pubbliċi, u kull persuna li tkun inkarigata mid-dħul, kustodja jew tneħħija ta', jew mill-għoti ta' kont ta', ħażniet pubbliċi, jew li fil-fatt tirċievi, iżżomm jew tneħħi ħażniet pubbliċi:

Iżda meta jkun hemm fis-seħħ direttiva bil-miktub tal-Ministru li

d-dmirijiet, il-funzjonijiet u r-responsabbilitajiet ta' ufficjal ta' kontijiet speċifikati fid-direttiva għandhom ikunu vestiti esklużivament f'uffiċjal pubbliku wieħed jew aktar kif hekk jiġi speċifikat, "uffiċjal ta' kontijiet", dwar l-imsemmija dmirijiet, funzjonijiet u responsabbiltajiet u sal-limitu speċifikat f'dik id-direttiva, tfisser u tinkludi biss l-uffiċjal pubbliku jew l-uffiċjali pubbliċi speċifikati kif intqal qabel;

"vot" tfisser kap separat ta' l-estimi jew taqsima prinċipali ta' l-approprjazzjoni mill-Kamra tad-Deputati għas-servizz ta' sena finanzjarja.

## TAQSIMA II

### DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

Amministrazzjoni ta' l-Att.

**3.** (1) Il-Ministru huwa nkarigat bl-amministrazzjoni ta' dan l-Att.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u għal kull regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, l-uffiċjali ta' kontijiet għandhom jimxu skond l-ordnijiet li, minn żmien għal żmien jistgħu jiġu mogħtija mill-Ministru li jkollhom x'jaqsmu ma' flejjes pubbliċi u l-għoti ta' kontijiet dwarhom.

(3) Il-Ministru, jew xi ufficjal tal-Ministeru tiegħu awtorizzat minnu għal hekk, ikollu dritt li jispezzjona dawk l-uffiċċji u li jkollu dak l-aċċess għal kotba, dokumenti u notamenti oħra uffiċjali skond ma jkun meħtieġ sabiex il-Ministru jeżerċita s-setgħat tiegħu u jaqdi d-dmirijiet tiegħu skond dan l-Att.

Regolamenti.
*Emendat:*
*A.L. 46 ta' l-1965;*
*I. 2004.3.*

**4.** (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li ma jkunux inkonsistenti mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għat-tmexxija tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, u bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li jingħad qabel, dawn ir-regolamenti jistgħu jipprovdu -

(*a*) għall-ġbir, dħul, kustodja, ħruġ, nefqa, għoti ta' kont xieraq, kura u amministrazzjoni tal-flejjes pubbliċi kollha u għall-gwida tal-persuni kollha li jkollhom x'jaqsmu magħhom;

(*b*) għar-reġistrazzjoni, eżami, spezzjon u sorveljanza dipartimentali aktar effettiva tad-dħul u nefqat kollha u t-tiżmim tal-kotba u kontijiet kollha meħtieġa;

(*ċ*) għall-kotba li għandhom jinżammu u għall-kontijiet li għandhom jiġu mogħtija għall-finijiet ta' dan l-Att u l-forma li fihom dawk il-kotba u kontijiet għandhom ikunu miżmuma u mogħtija;

(*d*) għax-xiri, kustodja żgura, ħruġ, bejgħ jew tneħħija oħra jew tħassir mill-kotba ta' ħażniet pubbliċi u proprjetà oħra tal-Gvern, u għall-għoti ta' kont xieraq, u *stock taking* ta', dawk il-ħażniet u proprjetà;

(*e*) biex tiġi preskritta kull ħaġa meħtieġa li tkun preskritta skond dan l-Att;

(*f*) għall-għoti ta' fondi konfinanzjament għal programmi u inizjattivi ekonomiċi u soċjali minn flejjes pubbliċi;

(*g*) sabiex isiru aġġustamenti u tpaċijiet f'kontijiet u ħlasijiet minn kontijiet dwar dak li għandu x'jaqsam ma' flejjes pubbliċi skond ma' jistgħu jkunu meħtieġa f'konnessjoni mal-kofinanzjament imsemmi fil-paragrafu ta' qabel u l-finanzjament minn xi organizzazzjoni jew korp internazzjonali jew sovranazzjonali jew minn xi istituzzjoni jew korp relattiv;

(*h*) għall-ġabra, kodifikazzjoni u ppubblikar ta' dawk l-i*standards* u metodoloġiji ta' l-ikkontjar u ta' dawk il-*policies* u proċeduri li minn żmien għall-ieħor jistgħu jitqiesu meħtieġa jew espedjenti għall-amministrazzjoni u twettiq fis-seħħ aħjar tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

(*i*) għal kull ħaġa oħra inċidentali jew supplementarja għal xi waħda mill-ħwejjeġ fuq imsemmija.

(2) Ir-regolamenti kollha magħmula skond dan l-artikolu għandhom jiġu pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern u għandhom jitqegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati egħluq għaxart ijiem minn dik il-pubblikazzjoni:

Iżda fil-kalkolu ta' dak il-perijodu ma għandu jittieħed ebda kont ta' xi żmien li matulu l-Kamra tad-Deputati tkun xolta jew prorogata, jew li matulu tkun aġġornata għal aktar minn għaxart ijiem.

---

## TAQSIMA III

### DIRETTUR TAL-VERIFIKA

Direttur tal-Verifika.
*Emendat:*
*A.L. 46 ta' l-1965.*

**5.** *Imħassar: XVI.1997.7.*

Salarju.
*Emendat:*
*XII. 1965.4;*
*A.L. 46 ta' l-1965;*
*A.L. 25 ta' l-1990;*
*A.L. 26 ta' l-1991;*
*A.L. 13 ta' l-1992;*
*A.L. 32 ta' l-1993;*
*A.L. 11 ta' l-1994;*
*A.L. 10 ta' l-1995;*
*A.L. 23 ta' l-1995;*
*A.L. 75 ta' l-1995;*
*A.L. 32 ta' l-1996;*
*A.L. 67 ta' l-1998.*

**6.** *Imħassar: XVI.1997.7.*

Verifika ta' kontijiet.
*Emendat:*
*A.L. 46 ta' l-1965.*

**7.** *Imħassar: XVI.1997.7.*

**8.** *Imħassar: XVI.1997.7.*

Produzzjoni ta' kotba eċċ., lid-Direttur tal-Verifika.

**9.** *Imħassar: XVI.1997.7.*

Tagħrif lid-Direttur tal- Verifika. *Emendat: A.L. 46 ta' l-1965.*

**10.** *Imħassar: XVI.1997.7.*

Rapport dwar irregolaritajiet.

**11.** *Imħassar: XVI.1997.7.*

Kwistjonijiet. *Emendat: A.L. 46 ta' l-1965; LVIII. 1974.68.*

---

## TAQSIMA IV

### UFFIĊJALI TA' KONTIJIET

Dmirijiet ta' uffiċjali ta' kontijiet.

**12.** Kull uffiċjal ta' kontijiet għandu jkun suġġett għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu u għandu jaqdi dawk id-dmirijiet, iżomm dawk il-kotba u jagħti dawk il-kontijiet li jistgħu jkunu preskritti minn jew skond dan l-Att jew minn direttivi maħruġa mill-Ministru.

Ma jistax jinfetaħ kont fil-bank minn uffiċjali ta' kontijiet mingħajr awtorità tal-Ministru.

**13.** Ebda uffiċjal ta' kontijiet ma jista' jiftaħ xi kont pubbliku jew uffiċjali f'xi bank, ħlief kif awtorizzat b'dan l-Att jew b'xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, mingħajr l-awtorità bil-miktub tal-Ministru, u l-Gvern ma jkunx miżmum responsabbli għal xi *overdraft* f'xi kont bħal dak jekk ma jkunx awtorizzat mill-Ministru kif provdut bl-artikolu 21.

---

## TAQSIMA V

### ARRANĠAMENTI BANKARJI U ĠBIR TA' FLEJJES

Arranġament ma' bank.

**14.** Il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jagħmel arranġamenti ma' xi bank jew banek b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li jidhrulu xierqa għad-dħul, kustodja u ħlas ta' flejjes pubbliċi u t-trasmissjoni tagħhom minn u għal Malta, u għal kull avvanżi li jistgħu jsiru bl-awtorità ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra, għal drittijiet dwarhom, u għall-imgħax li għandu jitħallas minn jew lill-bank jew banek fuq bilanċi jew avvanzi rispettivament u b'mod ġenerali għat-tmexxija tan-negozju bankarju tal-Gvern.

Il-Kont Pubbliku u l-Kont tal-Bank ta' Tifdil tal-Gvern ta' Malta. *Emendat: A.L. 46 ta' l-1965.*

**15.** Il-flejjes pubbliċi kollha għandhom jinżammu fil-bank taħt kont li għandu jkun magħruf bħala "il-Kont Pubbliku" li fih għandhom jiżdiedu u jitħallsu l-flejjes kollha li jifformaw il-Fond Konsolidat, u flejjes oħra jkunu li jkunu, minbarra -

(*a*) flejjes li jappartjenu lill-Bank ta' Tifdil tal-Gvern ta' Malta*, li għandhom jinżammu taħt kont separat li għandu jkun magħruf bħala "il-Kont tal-Bank ta' Tifdil

tal-Gvern ta' Malta"; u

(*b*) kull flejjes oħra li l-Ministru jista' jawtorizza speċifikatament biex jinżammu f'kontijiet separati.

Il-flejjes kollha fil-bank ikunu flejjes pubbliċi.

**16.** Il-flejjes kollha mqegħda fil-bank għaf-favur tal-kontijiet imsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan għandhom jitqiesu li jkunu flejjes pubbliċi, u ma jistgħux jitneħħew mill-bank ħlief kif provdut b'dan l-Att.

Depożiti.

**17.** (1) Il-flejjes imdaħħla minn jew f'isem il-Gvern bħala depożitu akkont ta' dazji tad-dwana jew xort'oħra akkont pubbliku, il-flejjes depożitati l-qorti skond xi liġi jew awtorità tkun li tkun, il-flejjes depożitati fil-Bank ta' Tifdil tal-Gvern ta' Malta*, il-flejjes imdaħħla bi *trust*, u l-flejjes kollha depożitati minn xi persuna waqt li tkun pendenti t-tlestija ta' xi xogħol jew operazzjoni hekk li l-istess jew sehem minnhom jistgħu jsiru li jitħallsu lill-Gvern jew li jitħallsu lura lid-depożitant jew persuna oħra, għandhom jitqiesu li jkunu flejjes pubbliċi skond it-tifsira u għall-finijiet ta' dan l-Att.

(2) Dawk il-flejjes għandhom jew jitqegħdu fil-bank għaf-favur tal-kont xieraq jew meqjusa xort'oħra u mogħti kont tagħhom mill-persuna li jkollha kustodja tagħhom kif il-Ministru, bla ħsara għal dan l-Att u għal kull regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, jista' minn żmien għal żmien jordna.

Depożiti mhux reklamati.
*Emendat:*
*A.L. 46 ta' l-1965;*
*XIII. 1983.5;*
*A.L. 410 ta' l-2007.*

**18.** (1) Kemm-il darba ma jkunx provdut espressament xort'oħra, kull somma hekk depożitata, minbarra flejjes depożitati fil-Bank ta' Tifdil tal-Gvern ta' Malta*, li ma tkunx reklamata għal żmien ta' tletin sena għandha tiġi trasferita f'kont speċjali li għandu jkun magħruf bħala "il-Kont ta' Fond ta' Depożiti" u l-Ministru jista', bla ebda approprjazzjoni oħra ħlief dan l-Att, jawtorizza lill-*Accountant General* li jħallas l-istess minn dak il-kont f'kull żmien lil min ikun għamel talba li jipprova t-talba tiegħu għal hekk.

(2) Fit-tmiem ta' kull sena finanzjarja kull bilanċ b'eċċess ta' tlieta u għoxrin elf u tliet mitt euro (23,300) ta' l-imsemmi Kont ta' Fond ta' Depożiti jista', jekk il-Ministru hekk jiddeċidi, jiġi mgħoddi lill-Fond Konsolidat. Jekk f'xi żmien l-imsemmi kont ma jkunx biżżejjed biex jiġu milqugħa talbiet bħal dawk, dawn għandhom jiġu milqugħa mill-Fond Konsolidat bla ebda approprjazzjoni oħra ħlief dan l-Att.

Tqegħid tal-flejjes kollha fil-bank.
*Emendat:*
*A.L. 410 ta' l-2007.*

**19.** L-*Accountant General* għandu, minn ġurnata għal oħra, jara li jitqegħdu fil-bank għaf-favur tal-kont xieraq, il-flejjes kollha pubbliċi miġbura jew imdaħħla t-Teżor magħduda depożiti tal-Bank ta' Tifdil:

Iżda l-*Accountant General* jista' jżomm f'kontanti dak l-ammont li jista' jitqies meħtieġ biex jiġu milqugħa ħtiġiet ta' kull jum, liema ammont, ħlief bl-awtorità bil-miktub tal-Ministru, m'għandux jeċċedi sebgħin elf euro (70,000) dwar flejjes li jitħallsu għaf-favur tal-Fond Pubbliku minbarra kull flejjes miżmuma temporanjament mill-*Accountant General* sakemm jiġu

---

**Ara* l-Att dwar ix-Xoljiment tal-Bank ta' Tifdil tal-Gvern ta' Malta. (Kap. 307).

rtirati miċ-ċirkolazzjoni u distrutti, u sebgħa u erbgħin elf euro (47,000) dwar flejjes li jitħallsu għaf-favur tal-Kont tal-Bank ta' Tifdil tal-Gvern ta' Malta.*

Il-flejjes pubbliċi miġbura jitqegħdu fil-bank.

**20.** Kull uffiċjal ta' kontijiet li jiġbor jew jirċievi flejjes pubbliċi għandu jqiegħed fil-bank għaf-favur tal-kont xieraq, l-ammont gross tal-ġbir tiegħu f'dawk il-ġranet u b'dak il-mod u forma kif l-*Accountant General* jista' jordna:

Iżda, meta l-Ministru hekk jordna, l-uffiċjali ta' kontijiet jistgħu jnaqqsu mill-ammont gross tal-ġbir tagħhom dawk is-somom li jistgħu jkunu meħtieġa biex ikunu jistgħu jagħmlu ħlasijiet lura, rimborsi jew rifużjonijiet.

Self ta' flus. *Emendat: A.L. 46 ta' l-1965.*

**21.** Ħlief kif jista' jkun speċifikatament provdut b'xi liġi u bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-Gvern ma jkunx jista' jissellef, l-anqas ma jkunu jistgħu xi bank jew persuna oħra jisilfu lill-Gvern, xi flejjes, u kull rabta għal ħlas lura ta' xi self bħal dan tkun għal kollox nulla u bla effett:

Iżda l-Ministru jista' jawtorizza *overdraft* fluttwanti fuq il-Kont Pubbliku kif u meta meħtieġ, u f'dan il-każ -

(*a*) il-ħlas lura ta' xi *overdraft* bħal dak għandu jsir qabel l-egħluq tas-sena finanzjarja li fiha jkun sar dak l-*overdraft*, u

(*b*) prospett dwar il-qagħda ta' dak l-*overdraft* fl-aħħar ġurnata ta' kull tliet xhur għandu, kemm jista' jkun malajr wara, jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati.

---

## TAQSIMA VI

### APPROPRJAZZJONI TA' FLEJJES PUBBLIĊI

Skadenza ta' Att ta' Approprjazzjoni. *Emendat: A.L. 46 ta' l-1965.*

**22.** Kull Att li japproprja flejjes mill-Fond Konsolidat ma għandux jiftiehem bħala li jawtorizza n-nefqa ta' dawn il-flejjes f'xi sena finanzjarja li ma tkunx is-sena finanzjarja li għaliha espressament jirriferixxi, u kull flejjes hekk approprjati li jistgħu jibqgħu mhux minfuqa fit-tmiem ta' xi sena finanzjarja ma jibqgħux passività fuq il-Fond Konsolidat għal dik is-sena.

Awtorizzazzjoni ta' nefqa qabel approprjazzjoni. *Emendat: A.L. 46 ta' l-1965.*

**23.** (1) Jekk l-Att ta' Approprjazzjoni ma jkunx ġie fis-seħħ fil-bidu ta' xi sena finanzjarja, il-Ministru jista', b'*warrant* taħt il-firma tiegħu jawtorizza l-ħruġ ta' flejjes mill-Fond Konsolidat sabiex tiġi milqugħa dik in-nefqa li jidhirlu meħtieġa sabiex jitmexxa l-Gvern ta' Malta:

Iżda flejjes hekk awtorizzati biex jinħarġu għal xi servizz li jkun ta' xorta rikorrenti ma għandhomx jeċċedu parti waħda minn tlieta ta' l-ammont ivvotat għal dak is-servizz fil-liġi ta' Approprjazzjoni għas-sena finanzjarja ta' qabel.

---

**Ara* l-Att dwar ix-Xoljiment tal-Bank ta' Tifdil tal-Gvern ta' Malta. (Kap. 307).

(2) Kull flejjes awtorizzati li jinħarġu kif provdut fis-subartikolu (1) ma għandhomx jeċċedu s-somma speċifikata għal dak is-servizz fl-estimi preżentati għas-sena finanzjarja korrenti u għandhom jiġu kompensati ma' l-ammonti rispettivament provduti fl-Att ta' Approprjazzjoni meta jibda jseħħ.

(3) Is-setgħat mogħtija lill-Ministru b'dan l-artikolu ma jestendux ruħhom għall-perijodu aktar mill-ewwel erba' xhur ta' xi sena finanzjarja jew aktar mill-ġurnata li fiha l-Att ta' Approprjazzjoni għal dik is-sena jibda jseħħ, liema jkun l-ewwel.

Applikazzjoni ta' tifdil fuq sottokapi.

**24.** (1) Jekk l-esiġenzi tas-servizz pubbliku jagħmlu li jkun meħtieġ li jinbidlu l-proporzjonijiet mogħtija lis-sottokapi taħt kap ta' nefqa li jkun hemm fl-estimi l-Ministru jista' b'minuta jawtorizza t-transferiment ta' somma oħra minn xi *surplus* li jkun hemm f'xi sottokap ieħor ta' l-istess kap bl-għajnuna ta' xi sottokap li jista' jkun nieqes.

(2) Il-Ministru jista' fid-diskrezzjoni tiegħu u bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jidhrulu xierqa jiddelega lil uffiċjal tal-Ministeru tiegħu s-setgħa mogħtija lilu skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu:

Iżda kull meta xi delega bħal din tkun ġiet magħmula, l-uffiċjal hekk delegat għandu jissottometti lill-Ministru fit-tmiem ta' kull tliet xhur prospett li juri partikolaritajiet tal-każi kollha meta huwa jkun eżerċita s-setgħat hekk delegati.

Disposizzjoni supplementarja.
*Emendat:*
*A.L. 46 ta' l-1965;*
*I. 2004.4.*

**25.** Jekk dwar xi sena finanzjarja jinsab illi l-ammont approprjat bl-Att ta' Approprjazzjoni għal xi skop ma jkunx biżżejjed jew li tkun qamet ħtieġa għal nefqa għal skop li għalih ebda ammont ma jkun ġie approprjat bl-Att, jew illi xi flejjes ikunu ġew minfuqa għal xi skop b'eċċess ta' l-ammont approprjat għal dak l-iskop bl-Att ta' Approprjazzjoni, jew għal skop li għalih ebda ammont ma jkun ġie approprjat bl-Att, estimi supplementarji li juru s-somom meħtieġa jew minfuqa għandhom jitressqu quddiem il-Kamra tad-Deputati u l-Abbozz ta' Liġi ta' Approprjazzjoni għandu jkollu dik in-nefqa taħt kapi xierqa;

Iżda l-Ministru jista' għal dawk l-għanijiet minn żmien għal żmien jawtorizza il-ħruġ ta' dawk l-ammonti mill-Fond Konsolidat (li ma jkunux iżed minn għaxra fil-mija ta' l-ammont approprjat għas-sena finanzjarja, jew kull perċentwali ieħor li l-Kamra tista' b'riżoluzzjoni minn żmien għal żmien tapprova) skond ma jista' jqis li jkun meħtieġ għal dak l-għan mingħajr il-ħtieġa ta' ebda approprjazzjoni oħra minbarra dan l-Att, u l-Ministeru għandu jagħmel rapport dwar dan lill-Kmara fi żmien xahar minn dik l-approprjazzjoni, u meta f'dak iż-żmien ma jkun hemm seduti tal-Kamra, mhux iżjed tard mit-tielet seduta wara li l-Kamra terġa' tiltaqa'.

TAQSIMA VII

HLAS TA' FLEJJES

**26.** Ebda flejjes ma għandhom jinħarġu mill-Fond Konsolidat, ħlief kif provdut fil-Kostituzzjoni jew minn fondi jew kontijiet oħra ħlief għall-iskop ta' dawk il-fondi jew kontijiet u skond dik l-awtorità li tista' tkun applikabbli għat-twaqqif tagħhom.

Awtorità għall-ħruġ ta' flejjes. *Emendat. A.L. 46 ta' l-1965.*

**27.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, il-ħlasijiet kollha ta' flejjes pubbliċi għandhom isiru mill-*Accountant General* b'dak il-mod li jista' jkun preskritt mill-Ministru b'regolamenti magħmula skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

Il-ħlasijiet kollha għandhom isiru mill-*Accountant General. Emendat: XVI. 1997.8.*

(2) L-*Accountant General* ma għandu jagħmel ebda ħlasijiet (minkejja li s-servizzi li jirriferixxu għalihom jista' jkun hemm provdut għalihom kif imiss fl-Att ta' Approprjazzjoni) kemm-il darba ma jkunx awtorizzat li jagħmel hekk b'*warrant* taħt il-firma tal-Ministru u mibgħut lilu.

(3) Dak il-*warrant* għandu jiġi iffirmat in triplikat mill-Ministru. Kopja tal-*warrant* għandha tiġi merfugħa fl-uffiċċju tal-Ministru, waħda fl-uffiċċju ta' l-*Accountant General* u waħda fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

(4) Ebda *warrant* skond dan l-artikolu ma għandu jkompli jseħħ ħlief matul is-sena finanzjarja li għaliha jkun ġie maħruġ.

**28.** Kull talba għall-ħlas ta' flejjes pubbliċi għandha tiġi murija fuq *voucher* f'dik il-forma li l-*Accountant General* jista' jordna, u għandha tiġi addebitata kontra l-vot jew kont xieraq u attestata mill-uffiċjali li huma magħrufa mill-*Accountant General* bħala l-uffiċjali xierqa għal hekk.

Hlas b'*vouchers*.

**29.** Ebda uffiċjal ta' kontijiet ma għandu jħallas xi kont kemm-il darba ma jiżgurax illi d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu li jirreferixxu għall-ħlas ta' kontijiet ikunu ġew imħarsa u illi l-ħlas tal-kont ikun skond awtorità xierqa.

Hlas ta' kontijiet minn uffiċjali ta' kontijiet.

**30.** (1) Għandu jiġi mwaqqaf fond li jkun magħruf bħala "il-Fond ta' Kontinġenzi" ta' miljun, mija u ħamsa u sittin elf euro (1,165,000) liema ammont għandu jiġi provdut, fi żmien ħames snin, b' approprjazzjonijiet magħmula minn żmien għal żmien mill-Fond Konsolidat għall-imsemmi fond.

Fond ta' Kontinġenzi. *Emendat: VI. 1962.2. A.L. 46 ta' l-1965; A.L. 410 ta' l-2007.*

(2) Il-Ministru jista', jekk ikun sodisfatt li tkun qamet ħtieġa urġenti u imprevista għal nefqa li għaliha ma jkun hemm ebda provvediment ieħor jew li għaliha fondi ma jistgħux jiġu provduti skond l-artikolu 24, jagħmel avvanzi mill-Fond ta' Kontinġenzi biex tiġi milqugħa dik il-ħtieġa, sakemm Abbozz ta' Liġi ta' Approprjazzjoni Supplementarja li tipprovdi għal dik in-nefqa jkun jista' jiġi mgħoddi b'liġi.

(3) Il-Fond ta' Kontinġenzi għandu jitmexxa skond ir-regoli murija fl-Skeda. Id-disposizzjonijiet ta' din l-Iskeda jistgħu jiġu emendati b' regoli oħra li jiġu magħmula mill-Ministru, li għandhom ikunu pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern u għandhom

jitqegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fl-ewwel laqgħa ta' wara.

Flus akkont.
*Emendat:*
*XXII. 1976.4.*

**31.** (1) Kull meta jkun meħtieġ għal xi uffiċjal ta' kontijiet li jkollu għad-disposizzjoni tiegħu, għall-ħlas fis-servizz pubbliku, flejjes li għalihom *vouchers* ma jistgħux jiġu preżentati direttament lill-*Accountant General* għal ħlas, jistgħu jinħargu lilu flus akkont għal dak l-ammont li l-Ministru jista' jawtorizza.

(2) Is-Segretarju għall-Affarijiet ta' Għawdex jista' jirċievi flus akkont varjabbli għal dak l-ammont li l-Ministru jista' jawtorizza biex huwa jkun jista' jmexxi s-servizz tad-dipartimenti kollha f'Għawdex skond dan l-Att u kull regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu.

(3) L-awtorità msemmija fl-aħħar żewġ subartikoli qabel dan għandha tiġi mogħtija lill-*Accountant General* b'*warrant* ta' flus akkont taħt il-firma tal-Ministru.

Fond ta' Helsien tat-Teżor.
*Emendat:*
*A.L. 46 ta' l-1965.*

**32.** Għandu jkun hemm imwaqqaf fond, li jkun magħruf bħala "il-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor", biex jipprovdi għad-dħul u ħlas lura ta' depożiti tal-qorti u depożiti oħra u ta' flejjes miġbura bil-ħruġ ta' *Bills* tat-Teżor, u għal ħlasijiet ta' *money orders* u operazzjonijiet oħra postali, għal ħlasijiet f'isem amministrazzjonijiet oħra, għal ħlasijiet akkont ta' pensjonijiet li jkunu qed jistennew approvazzjoni, għal xiri ta' qamħ u ħażniet mhux allokati, u għall-iskop li tiġi milqugħa kull spiża oħra li għandha tiġi temporanjament maħruġa minn fondi pubbliċi u li titħallas lura gradatament jew le f'dan il-fond mill-Fond Konsolidat jew minn għejjun oħra.

Hlasijiet mill-Fond ta' Helsien tat-Teżor għall-avvanzi jew self lit-Tarzna.
*Miżjud:*
*XXIV.1967.2.*
*Emendat:*
*A.L. 410 ta' l-2007.*

**33.** (1) Jekk, f'kull żmien matul il-perijodu ta' sitt xhur mill-1 ta' Awissu, 1967, ikun hemm ċirkostanzi li fil-fehma tal-Ministru huma meqjusa li jkunu gravi biżżejjed li jiġġustifikaw fl-interess nazzjonali l-egħmil ta' avvanzi jew self dwar it-Tarzna, il-Ministru jista', waqt il-perijodu fuq imsemmi, jagħmel dawk l-avvanzi jew self taħt dawk il-pattijiet ta' ħlas lura u *servicing* kif jidhirlu xieraq u jista' għal dak l-iskop u bil-mod speċifikat f'dan l-Att, jutilizza flejjes miġbura b'*Bills* tat-Teżor sa ammont li fit-total ma jkun f'ebda mument dovut għal iżjed minn miljun, mija u ħamsa u sittin elf euro (1,165,000).

(2) F'dan l-artikolu "Tarzna" għandha l-istess tifsir kif mogħti
Kap. 177.
lilha fl-Att dwar it-Tarzna ta' Malta (Provvediment Temporanju).

Hlasijiet mill-Fond ta' Helsien tat-Teżor għal avvanzi, self jew depożiti għall-għajnuna ta' l-esportazzjonijiet.
*Miżjud:*
*XXXI. 1968.2.*
*Emendat:*
*XXXII. 1969.2;*
*A.L. 410 ta' l-2007.*

**34.** Il-Ministru jista' matul il-perijodu ta' sentejn li jiġi kalkulat mis-27 ta' Novembru, 1968, jagħmel dawk l-avvanzi, self jew depożiti għall-għajnuna ta' esportazzjonijiet magħmula matul l-imsemmi perijodu taħt dawk il-pattijiet li jidhirlu xieraq u jista', għal dak l-iskop u b'mod speċifikat f'dan l-Att, jutilizza flejjes miġbura b'*Bills* tat-Teżor sa ammont li fit-total ma jkun f'ebda mument dovut għal iżjed minn żewġ miljuni, tliet mija u disgħa u għoxrin elf, tliet mija u tlieta u sebgħin euro u erbgħin ċenteżmu (2,329,373.40).

Trasferiment ta' flejjes.

**35.** (1) Il-bilanċi passivi u attivi eżistenti fl-1 ta' April, 1962, ta' dawk il-kontijiet li d-dħul u l-ħlasijiet tagħhom kien jiġi mogħti

kont tagħhom fil-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor kieku dak il-fond kien imwaqqaf f'dik id-data għandhom jitqiesu sa minn dik id-data li jkunu ġew trasferiti lil dak il-fond, li għandu jitqies li kien ġie mwaqqaf f'dik id-data bħala fond tal-Gvern ta' Malta għall-iskop speċifiku msemmi fl-artikolu 32.

(2) Id-dħul u l-ħlasijiet kollha tal-kontijiet imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu li, sa mill-1 ta' April, 1962, kien jingħata kont tagħhom fil-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor kieku dak il-fond kien imwaqqaf f'dik id-data għandhom jitqiesu sa minn dik id-data li jkun hekk ingħata kont tagħhom.

Akkumulament ta' mgħax u fluttwazzjoni f'impieg ta' flejjes. *Emendat: A.L. 46 ta' l-1965; XXXIX. 1976.8.*

**36.** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, imgħax u dħul ieħor li jinġabar fil-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor għandu jiġi akkreditat favur il-Fond Konsolidat u kull apprezzament jew deprezzament fil-valur ta' xi impiegi ta' flejjes tal-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor għandu, flimkien ma' kull profitti jew telf li jinħolqu mill-bejgħ jew fidwa ta' titoli, jiġi akkreditat jew addebitat skond il-każ lill-Fond Konsolidat:

Iżda fil-każ ta' depożiti akkont ta' fondazzjonijiet jew *trusts*, ta' Il-Monti u tal-Kustodju tal-Proprjetà ta' l-Għadu, dak l-imgħax u dħul ieħor, apprezzament jew deprezzament fil-valur ta' impiegi ta' flejjes u l-profitti jew telf fil-bejgħ jew fidwa ta' titoli għandhom jiġu akkreditati jew addebitati skond il-każ lill-kont xieraq.

Ħlasijiet mill-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor.

**37.** Il-Ministru jista' bla ebda approprjazzjoni oħra ħlief dan l-Att jara li l-*Accountant General* jagħmel ħlasijiet mill-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor b'*warrant* taħt il-firma tal-Ministru, li fil-każ tal-ħlasijiet kollha ta' flejjes li għandhom jitħallsu lura fil-fond, għandu jispeċifika l-mod u l-pattijiet ta' dak il-ħlas lura.

Setgħa għal trasferiment temporanju minn kont għal ieħor.

**38.** L-*Accountant General* jista' minn żmien għal żmien jittrasferixxi kull bilanċ tal-kont pubbliku, jew xi parti minnu, minn fond jew kont għal fond jew kont ieħor fil-kont pubbliku għal dawk il-perijodi u b'dawk il-pattijiet li l-Ministru jista' jawtorizza.

---

## TAQSIMA VIII

### IMPIEG TA' FLEJJES

Impieg ta' bilanċ.

**39.** Il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, jara li kull wieħed mill-bilanċi tal-kont pubbliku jew ta' kull kont ieħor, jew xi parti minnhom, jiġu mpjegati, f'isem il-fond jew kont xieraq, għal dawk il-perijodi u b'dawk il-pattijiet li jidhrulu xierqa, fix-xiri ta' dawk it-titoli li jista' minn żmien għal żmien jiddikjara li jkunu titoli li fihom jistgħu jiġu mpjegati flejjes pubbliċi.

Kont ta' mgħax fuq impieg ta' flejjes.

**40.** L-imgħax miġbur fuq titoli mixtrija skond din it-Taqsima ta' dan l-Att għandu jekk ma jkunx provdut xort'oħra f'din il-liġi jew f'xi liġi oħra jitqiegħed fil-kont pubbliku jew xi kont ieħor għaf-favur tal-fond jew kont xieraq li lilu jappartjenu t-titoli.

Bejgħ jew bidla ta' titoli.

**41.** Kull meta jkun jidher lill-Ministru li jkun xieraq fl-interess tas-servizz pubbliku, huwa jista' minn żmien għal żmien jara li dawk it-titoli, jew xi parti minnhom, jiġu mibjugħa jew mibdula fi flus u r-rikavat jew imqiegħed għaf-favur tal-fond jew kont xieraq li lilu jappartjeni jew jiġi mpjegat mill-ġdid, f'isem il-fond jew kont xieraq, fix-xiri ta' xi titoli oħra awtorizzati minn din it-Taqsima.

Xiri u kustodja ta' titoli.
*Emendat: XXII. 1976.4.*

**42.** (1) L-impieg f'titoli għandu f'każ ta' titoli miżmuma f'Malta, jiġi magħmul fl-isem ta' tliet persuni jew iżjed flimkien, li jkunu maħtura minn żmien għal żmien mill-Ministru, u, fil-każ ta' titoli miżmuma barra minn Malta, f'isem dik il-persuna jew dawk il-persuni kif il-Ministru jista' jaħtar minn żmien għal żmien.

(2) Dawk il-persuni jkollhom biss il-kustodja ta' dawk it-titoli f'isem il-Gvern ta' Malta u ma jkunux jistgħu separatament jew flimkien jieħdu xi miżuri dwar dawk it-titoli ħlief kif provdut b'dan l-Att.

Disposizzjonijiet għal kustodja żgura.
*Emendat: XXII. 1976.4.*

**43.** Sabiex tiġi żgurata kustodja żgura tat-titoli kollha, għandhom jgħoddu d-disposizzjonijiet li ġejjin:

(*a*) it-titoli kollha f'Malta għandhom jinżammu taħt żewġ ċwievet jew iżjed mill-persuni li jkollhom il-kustodja tagħhom jew depożitati minnhom fil-bank, u dawk mit-titoli li jkunu miżmuma barra minn Malta għandhom jinżammu fil-kustodja ta' dik il-persuna jew dawk il-persuni kif il-Ministru jista' jaħtar minn żmien għal żmien;

(*b*) titoli miżmuma dwar kull fond jew kont għandhom jinżammu separati u mwarrbin minn dawk ta' kull fond jew kont ieħor;

(*ċ*) titoli miżmuma dwar kull fond jew kont għandhom jinżammu u jiġu wżati biss għall-iskopijiet ta' dak il-fond jew kont.

Mod kif it-titoli jistgħu jiġu mibjugħa, konvertiti jew mibdulin.

**44.** Sabiex jiġi faċilitat il-bejgħ, konversjoni, bidla jew tneħħija xort'oħra ta' dawk it-titoli, kif ikun meħtieġ, il-persuni li jkollhom il-kustodja tagħhom għandhom, fuq talba bil-miktub tal-Ministru jew ta' xi uffiċjal ieħor awtorizzat kif imiss minnu bil-miktub għal hekk, iħallu l-pussess tat-titoli u jiffirmaw bla dewmien dawk id-dokumenti li jistgħu jkunu meħtieġa għall-bejgħ, konversjoni, bidla jew tneħħija oħra tagħhom. It-talba għandha tispeċifika l-iskop li għalih it-titoli msemmija fiha jkunu meħtieġa.

Rendikont attestat ta' titoli miżmuma barra minn Malta.
*Emendat: XXII. 1976.4; XVI. 1997.7.*

**45.** Għall-anqas darba kull sena dwar titoli miżmuma barra minn Malta f'isem il-Gvern ta' Malta, l-*Accountant General* għandu jikseb mill-persuni li jkollhom il-kustodja tagħhom prospett attestat ta' dawk it-titoli kollha li juri separatament il-fond jew kont li għalih huma miżmuma rispettivament.

Rendikont tat-titoli għandu jintbgħat lill-Awditur Ġenerali.
*Emendat: XXII. 1976.4; XVI. 1997.7.*

**46.** Rendikont ta' kull sena tat-titoli kollha miżmuma f'Malta u barra minn Malta skond id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att għandu jitlesta mill-*Accountant General* u jiġi mibgħut lill-Awditur Ġenerali kif provdut fl-artikolu 67.

## TAQSIMA IX

### FLEJJES BARRA MINN MALTA

Arranġamenti dwar flejjes barra minn Malta.

**47.** Minkejja kull ħaġa f'dan l-Att, il-Ministru jista' jagħmel arranġamenti b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li jidhrulu meħtieġa għall-ġbir, dħul, kustodja, depożitu f'banek, ħruġ, nefqa, avvanzi, għoti ta' kont xieraq, kura u amministrazzjoni barra minn Malta ta' kull flejjes pubbliċi u għat-tiżmim ta' kontijiet, u għoti ta' prospetti, rendikontijiet u *vouchers* li jirriferixxu għal dak il-ġbir, dħul, kustodja, depożitu, ħruġ, nefqa, avvanzi u għall-eżami ta' dawk il-kontijiet, prospetti, rendikontijiet u *vouchers.*

---

## TAQSIMA X

### VERIFIKA U SPEZZJON

Dmirijiet tal-bank. *Emendat: XVI. 1997.7.*

**48.** Il-bank li fih jiġu mqegħda flejjes pubbliċi għandu, f'dawk iż-żminijiet li l-*Accountant General* jista' jistabbilixxi, jibgħatlu prospett li juri, b'ordni tad-data, kull somma mdaħħla u mqegħda taħt kull kont miżmum fil-bank, u għandu jagħtih ċertifikat ta' kull xahar, in duplikat, tal-flejjes pubbliċi f'idejn il-bank, fit-tmiem ta' kull xahar u f'dawk id-dati l-oħra kif jista' jkun stabbilit minnu. Kopja taċ-ċertifikat għandha, wara li l-bilanċ muri fiha jkun instab li jaqbel ma' dak muri fil-kotba tat-Teżor tiġi mibgħuta mill-*Accountant General* lill-Awditur Ġenerali.

Miżuri kontra l-frodi u irregolaritajiet. *Miżjud: I. 2004.5.* Kap. 396. Kap. 461.

**49.** (1) Meta, wara li jkun hemm kxif ta' xi irregolarità jew frodi fir-rigward ta' flejjes pubbliċi, rapport magħmul skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Awditur Ġenerali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, u ta' l-Att dwar Awditjar Intern u Investigazzjonijiet Finanzjarji, jiġi mibgħut jew riferit lil xi Kap ta' Dipartiment, huwa għandu malli jirċevih jieħu l-miżuri kollha meħtieġa għall-ħarsien ta' dawk il-flejjes pubbliċi, inkluż il-ġbir ta' pieni amministrattivi skond ma jkun hemm f'regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 52 u azzjoni legali għall-irkupru ta' l-ammont ta' kull defiċjenza, telf, ħlas li jkun sar mhux kif imiss kaġunat jew magħmul bħala riżultat jew filwaqt li tkun qed isseħħ xi irregolarità jew frodi bħal dawk u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom ikunu japplikaw għal kull ammont li jista' jiġi rkuprat kif hawn qabel imsemmi. Kap. 12.

(2) Minkejja dak kollu li jista' jiġi stipulat għall-kuntrarju, kull bond, garanzija bankarja jew titolu ieħor mogħtija sabiex kuntratt li jitħallas minn flejjes pubbliċi jkun jista' jitwettaq aħjar, għandhom ukoll jestendu sabiex jiggarantixxu l-irkupru ta' kull flejjes jew penali amministrattiva f'dak li għandu x'jaqsam mal-kuntratt u li dwaru l-persuna li tkun qed tipprovdi l-bond, il-garanzija bankarja jew titolu ieħor tista' tkun responsabbli.

(3) Meta d-defiċjenza, telf, jew ħlas li jkun sar mhux kif imiss minħabba f'xi irregolarità jew frodi ikun jinvolvi flejjes li l-Gvern

ikun irċieva minn xi organizzazzjoni jew korp internazzjonali jew sovranazzjonali jew minn xi istituzzjonijiet jew korpi tagħhom jew taħt il-pattijiet ta' xi trattat jew ftehim ieħor bejn Stati, kull proċediment taħt dan l-artikolu għandu jsir f'konsultazzjoni mal-persuna f'Malta, jekk ikun il-każ, li tkun speċifikament inkarigata bl-awtorizzazzjoni tal-ħlas jew bir-rilaxx ta' dawk il-flejjes mill-Kap ta' Dipartiment:

Iżda jekk ma ssirx konsultazzjoni bħal dik, dan ma għandu b'ebda mod li jkun jolqot il-validità ta' proċedimenti li jsiru taħt dan l-artikolu.

(4) Meta żewġ persuni jew aktar ikunu responsabbli għall-irregolarità jew frodi li jkunu rriżultaw mid-defiċjenza, telf, jew ħlas li jkun sar mhux kif imiss, dawk il-persuni għandhom jinżammu solidalment responsabbli għal dan flimkien ma' kull persuna oħra li, għalkemm kellha d-dmir li tagħmel dan, tkun naqset milli tieħu prekawzjonijiet raġonevoli u milli teżerċita diliġenza kif dovuta biex tipprevjeni dik l-irregolarità jew frodi.

(5) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu jew f'din it-Taqsima ma għandha tiftiehem bħala li tipprekludi lil xi persuna oħra li jkollha interess milli tieħu azzjoni, sew flimkien mal-Kap tad-Dipartiment sew xort'oħra, għall-irkupru ta' kull somma li tista' tiġi irkuprata taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(6) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu u ta' l-artikoli l-oħra taħt din it-Taqsima, "Kap ta' Dipartiment" tinkludi lil kull direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' xi korp, kemm jekk ikun vestit b'personalità ġuridika kemm jekk le, li jkun responsabbli għall-amministrazzjoni, iż-żamma jew l-użu ta' flejjes pubbliċi jew li jkun riċevitur jew benefiċjarju tal-flejjes pubbliċi, jew li jkun persuna li jkollha s-setgħa li tirrappreżenta dak il-korp jew li jkollha awtorità tieħu deċiżjonijiet f'isem dak il-korp jew li jkollha awtorità teżerċita kontroll fi ħdan dak il-korp.

Mgħax li jintalab.
*Miżjud: I. 2004.5.*

**50.** Għandu jintalab fuq kull ammont li jista' jiġi irkuprat taħt l-artikolu 49 mgħax ekwivalenti għar-rata medja peżata li tkun tapplika fid-data dovuta fis-suq tal-flus lokali għal operazzjonijiet ta' finanzi pubbliċi tul żmien qasir għall-perjodu li matulu l-ammont jibqa' mhux imħallas mid-data meta dan ikollu jitħallas.

Tagħrif.
*Miżjud: I. 2004.5.*

**51.** Għall-fini li jinġabru l-flejjes li jistgħu jiġu rkuprati taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 49, kull Kap ta' Dipartiment li jirċievi jew li lilu jiġi riferit rapport skond ma hemm provdut f'dak l-artikolu jista', mingħajr preġudizzju għal kull rabta li jkollu ta' segretezza professjonali skond il-liġi, jeħtieġ lil kull min ikun qed jamministra flejjes pubbliċi biex jipprovdi kull tagħrif li jkollu għal dak l-għan.

Pieni amministrattivi.
*Miżjud: I. 2004.5.*
*Emendat: A.L. 410 ta' l-2007.*

**52.** Il-Ministru jista' permezz ta' regolamenti jipprovdi dwar pieni amministrattivi li jistgħu jiġu imposti għal kull irregolarità, dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita fl-imposizzjoni ta' dawk il-pieni u dwar kull ħaġa oħra inċidentali jew supplimentari għal kull ħaġa minn dawn hawn qabel imsemmija:

Iżda piena amministrattiva ma tistax tkun iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin

ċenteżmu (116,468.67).

**53.** *Imħassar: XVI.1997.7.*

Produzzjoni ta' *vouchers*. *Miżjud: VI. 1962.3.*

**54.** *Imħassar: XVI.1997.7.*

Riċevuti għal pagi, *allowances* ta' servizz soċjali, eċċ. *Emendat: VI. 1962.4.*

**55.** *Imħassar: XVI.1997.7.*

Setgħa tad-Direttur tal- Verifika ta' ordni ta' rifużjoni.

**56.** *Imħassar: XVI.1997.7.*

Il-persuna ordnata li tirrifondi u l-Ministru jklnu mgħarrfin bl-ordni ta' rifużjoni.

**57.** *Imħassar: XVI.1997.7.*

Kif jinġabru rifużjonijiet.

**58.** *Imħassar: XVI.1997.7.*

Ordni ta' rifużjoni jista' jiġi rtirat.

**59.** *Imħassar: XVI.1997.7.*

Appel lill-Ministru.

**60.** *Imħassar: XVI.1997.7.*

Prosekuzzjoni kontra ħatjin.

**61.** *Imħassar: XVI.1997.7.*

Estensjoni ta' verifika.

---

## TAQSIMA XI

### KONTIJIET U PROSPETTI

Kotba ta' kontijiet ta'l-*Accountant General.*

**62.** L-*Accountant General* għandu jara li jinżammu fit-Teżor l-kotba ta' kontijiet li ġejjin: *cash book*, ġurnal, *ledger* u estratt ta' kull xahar, flimkien ma' dawk il-kotba sussidjarji u kotba oħra skond ma jidhirlu meħtieġa.

Kotba ta' kontijiet ta' l-uffiċjali ta' kontijiet.

**63.** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' xi regolamenti magħmula bis-saħħa ta' dan l-Att, kull uffiċjal ta' kontijiet li jiġbor, jirċievi jew iħallas flejjes pubbliċi għandu jżomm dawk il-kotba u kontijiet b'dak il-mod u f'dik il-forma kif l-*Accountant General* jista', minn żmien għal żmien, b'ċirkolari jew b'minuta, jordna.

Il-prospett ta' kull tliet xhur dwar il-Kont tal-Fond Konsolidat għandu jiġi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. *Emendat: A.L. 46 ta' l-1965.*

**64.** L-*Accountant General* għandu, kemm jista' jkun konvenjentement malajr wara t-tmiem ta' kull tliet xhur, iressaq quddiem il-Ministru għall-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, prospett tal-Kont tal-Fond Konsolidat kif imqabbel mat-tliet xhur korrispondenti tas-sena finanzjarja li taħbat minnufih qabel.

Prospetti annwali.
*Emendat:*
*A.L. 46 ta' l-1965;*
*XVI. 1997.7.*

**65.** (1) Kemm jista' jkun malajr wara l-egħluq ta' kull sena finanzjarja, u f'kull każ mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-egħluq ta' dik is-sena, l-*Accountant General* għandu jlesti u jibgħat lill-Auditur Ġenerali r-rendikontijiet li ġejjin:

(*a*) prospett tal-Kont tal-Fond Konsolidat kif imqabbel ma' dak tas-sena finanzjarja li taħbat sew sew qabel;

(*b*) prospett tad-dħul u ħruġ ta' kull fond jew kont imwaqqaf b'din il-liġi jew xi liġi oħra.

(2) Hekk kif l-Awditur Ġenerali jibgħat lura dawk il-prospetti lill-*Accountant General*, il-Ministru għandu jara li dawk il-prospetti jiġu pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern, u għandu jqegħdhom fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati egħluq għaxart ijiem minn dik il-pubblikazzjoni:

Iżda fil-kalkolu ta' dak il-perijodu, ma għandu jittieħed ebda kont ta' xi żmien li matulu l-Kamra tad-Deputati tkun xolta jew prorogata, jew li matulu tkun aġġornata għal iżjed minn għaxart ijiem.

Ċertifikat mid-Direttur tal-Verifika.
*Emendat:*
*A.L. 46 ta' l-1965.*

**66.** *Imħassar: XVI.1997.7.*

Tlestija ta' kontijiet finanzjarji annwali.
*Emendat:*
*A.L. 46 ta' l-1965.*

**67.** L-*Accountant General* għandu, kemm jista' jkun malajr wara l-egħluq tal-kontijiet ta' kull sena finanzjarja, u f'kull każ mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-egħluq ta' dik is-sena, ilesti u jibgħat lill-Awditur Ġenerali l-prospetti u kontijiet li ġejjin:

(*a*) estratt tad-dħul u ħlasijiet tal-Kont Pubbliku kif imqabbel mad-dħul u ħlasijiet tas-sena finanzjarja li taħbat sew sew qabel;

(*b*) estratt tal-Kont tal-Fond Konsolidat kif imqabbel ma' dak tas-sena finanzjarja li taħbat sew sew qabel;

(*ċ*) prospett dettaljat tad-dħul, kif imqabbel ma' l-estimi, li juri varjazzjonijiet dwar kull partita;

(*d*) prospett dettaljat tan-nefqa li juri d-diversi somom approprjati skond kull kap imqassma skond is-sottokapi kif dettaljati fl-estimi, l-ispiża magħmula matul is-sena finanzjarja, u l-ammont minfuq żejjed jew minfuq anqas dwarhom;

(*e*) prospett tad-dħul u ħlasijiet dwar self magħmul mill-Gvern;

(*f*) prospett tad-dejn pubbliku u tal-piż annwali fuqu li juri wkoll l-ammont imħallas lura matul is-sena finanzjarja;

(*g*) prospett tad-dħul u ħruġ ta' *trust funds* u ta' kull fondi jew kontijiet oħra tal-Gvern;

(*h*) prospett ta' l-impiegi kollha ta' flejjes li jkunu f'idejn il-Gvern fit-tmiem tas-sena finanzjarja f'isem kull fond jew kont kif meħtieġ bl-artikolu 46 ta' hawnhekk, li juri l-prezz tax-xiri u l-valur korrenti fis-suq

f'Londra f'dik id-data;

(*i*) prospett tad-dħul u nefqa tal-Bank ta' Tifdil tal-Gvern ta' Malta* u ta' depożiti mdaħħla u mħallsa lura u mgħax akkreditat lid-depożitanti flimkien ma' prospett ta' l-attiv u l-passiv;

(*j*) prospett ta' l-attiv u l-passiv tal-Gvern fit-tmiem tas-sena finanzjarja;

(*k*) prospett tal-bilanċi (mhux magħduda fondi speċjali) fit-tmiem tas-sena finanzjarja;

(*l*) prospett tal-fondi speċjali depożitati fit-Teżor;

(*m*) prospett dettaljat dwar avvanzi magħmula mill-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor;

(*n*) sommarju tabulat ta' ħażniet mhux allokati finanzjati mill-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor; u

(*o*) prospett ta' talbiet abbandonati, ta' telf ta' flus u ta' ħażniet imħassra mill-kotba.

Rapport annwali tal-kontijiet u finanzi.

**68.** L-*Accountant General* għandu, kemm jista' jkun malajr wara l-egħluq tal-kontijiet ta' kull sena finanzjarja, u f'kull każ mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-egħluq ta' dik is-sena jissottometti lill-Ministru għal pubblikazzjoni rapport tal-kontijiet u finanzi tal-Gvern.

Kontenut tar-rapport tad-Direttur tal-Verifika.

**69.** *Imħassar: XVI.1997.7.*

Rikkmandazzjonijiet mid-Direttur tal-Verifika.

**70.** *Imħassar: XVI.1997.7.*

---

## TAQSIMA XII

### MIXXELLANJI

Telf ta' dokumenti dwar oġġetti jew depożiti.

**71.** (1) Meta tintilef xi rċevuta jew dokument, li jagħtu dritt lid-detentur tagħhom jew lill-persuna msemmija fihom li tirtira minn xi dipartiment tal-Gvern xi somma flus jew xi oġġett depożitat hemmhekk, l-*Accountant General* jista', wara li jirċievi prova ta' dak it-telf permezz tal-kap permanenti tad-dipartiment interessat, jawtorizza l-ħruġ ta' riċevuta jew dokument duplikat hekk mitluf, kemm-il darba jingħata indennizz bil-miktub għas-soddisfazzjon tiegħu kontra kull pretensjoni li tista' ssir kontra tiegħu minħabba l-ħruġ ta' dik l-irċevuta jew dokument duplikat.

(2) L-*Accountant General* jista' fid-diskrezzjoni tiegħu u fuq ir-responsabbiltà tiegħu stess, jiddelega bil-miktub, b'dawk il-kondizzjonijiet li jidhirlu xierqa, kull waħda mis-setgħat tiegħu skond dan l-artikolu lil xi uffiċjal pubbliku mhux taħt il-klassi ta'

---

**Ara* l-Att dwar ix-Xoljiment tal-Bank ta' Tifdil tal-Gvern ta' Malta. (Kap. 307).

uffiċjal amministrattiv li jkun fil-fehma tiegħu tajjeb għal hekk.

(3) Il-Ministru jista' jipprovdi għall-ġbir ta' dritt fuq il-ħruġ ta' rċevuti jew dokumenti duplikati bħal dawk.

Direttivi.
*Miżjud: XIII. 2005.21.*

**72.** (1) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi, jew kull persuna, korp jew unità delegati f'ismu, jistgħu, minkejja kull liġi oħra, joħroġ direttivi kif provdut fis-subartikolu (2) lil kull awtorità, bord, fondazzjoni, korporazzjoni, istitut, aġenzija, kummissjoni, kumpannija jew entità oħra li 51 fil-mija jew iżjed minnha tkun miżmuma bi proprjetà mill-Gvern jew li fuqha l-Gvern ikollu kontroll effettiv, jew meta 51 fil-mija mill-qliegħ relattiv jinkiseb minn flejjes pubbliċi jew minn flejjes li jiġu riċevuti bis-saħħa ta' xi liġi.

(2) Id-direttivi msemmija fis-subartikolu (1) jistgħu jirregolaw:

(*a*) ir-reklutaġġ ta' impjegati u, jew irrimunerazzjoni li jirċievu;

(*b*) il-ksib ta' attiv fiss, servizzi, konsulenzi, kuntratti ta' liema tip jew xorta jkunu sakemm ikollhom x'jaqsmu ma' l-ispejjeż operattivi u, jew spejjeż amministrattivi, u, meta jinħarġu dawk id-direttivi, il-Bord tad-Diretturi jew xi Bord ieħor responsabbli għall-affarijiet ta' l-entità għandu jiżgura li d-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Bord jew mit-tmexxija maniġerjali, ikunu jirrispettaw dawk id-direttivi.

---

*Emendata: A.L 46 ta' l-1965.*

## SKEDA

(Artikolu 30)

REGOLI GHALL-HDIM TAL-FOND TA' KONTINĠENZI

**1.** Avvanzi mill-Fond ta' Kontinġenzi għandhom isiru bl-awtorità ta' *warrant* taħt il-firma tal-Ministru.

**2.** L-ammont li għalih xi *warrant* jiġi maħruġ għandu jiġi rtirat mill-Fond ta' Kontinġenzi u għandu jiġi mħallas fil-Fond Konsolidat biex issir in-nefqa speċifikata fuq il-*warrant* u l-flejjes li jkun hemm fil-fond għandhom jiġu mnaqqsa skond hekk. Kull ammonti rtirati u li jibqgħu mhux minfuqa fit-tmien tas-sena għandhom jiżdiedu mal-Fond Konsolidat.

**3.** Kull *warrant* li jawtorizza l-ħruġ ta' somma mill-fond għandu jispeċifika taħt liema kap jew kapi ta' l-estimi ta' nefqa għandha tiġi reġistrata n-nefqa tas-somma maħruġa u dik in-nefqa għandu jingħata kont tagħha bl-istess mod bħallikieku kienet ġiet awtorizzata b'Att ta' Approprjazzjoni supplementari.

**4.** Kull irtir mill-fond għandu jkun inkluż f'estimu supplementarju u Abbozz ta' Liġi ta' Approprjazzjoni għandu jitressaq quddiem l-Kamra tad-Deputati kemm jista' jkun malajr sabiex tiġi approprjata mill-Fond Konsolidat għall-Fond ta' Kontinġenzi somma daqs it-total tas-somom irtirati u mhux ġa

rimborżati b'approprjazzjonijiet ta' qabel mill-Fond Konsolidat hekk illi l-Fond ta' Kontinġenzi jerga' jitqiegħed għall-ammont approprjat skond l-artikolu 30.

**5.** Ebda flejjes ma għandhom jinġabru għall-fond li ma jkunux flejjes approprjati b'Att u kull imgħax jew ġbir ieħor li xort'oħra jistgħu jiġu riċevuti mill-fond għandhom jinġabru għall-Fond Konsolidat.